MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 407/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-kontendenti kienu izzewgu nhar id-disgha (9) ta’ Novembru elfejn u tnejn (2002) (Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin ghal dawn l-ahhar hames (5) snin meta l-esponenti kienet telqet mid-dar matrimonjali u kienet anke telqet minn Malta ghal xi zmien;

Illi minn dak iz-zmien ‘l hawn qatt ma reghha kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u qatt ma regghet irritornat fid-dar matrimonjali li giet trasferita lil komparenti ragel permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi l-kuntratt tas-separazzjoni gie ppublikat minn Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-Tnejn ta’ Mejju elfejn u hdax (2011) (Dok B);

Illi minn dana iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut minn l-ebda parti ghal ohra stante li it-tnejn jahdmu u huma finanzjarjament indipendenti;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-komnparenti CB tixtieq li izzomm kunjomha mizzewga u cioe’ B;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lil CB sabiex izzomm kunjomha ta’ mizzewga u cioe’ B;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Ottubru, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-2 ta’ Dicembru 2011, izda ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar hames snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------